**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Mariano Vella

*versus*

Savio Spiteri *pro et noe*

## Danni - Appell - Deżerzjoni

*L-attur aġixxa billi ppremetta illi kienu naqsu xi effetti tul il-kirja lis-soċjetà konvenuta u talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jirritornawhom fi żmien qasir u perentorju u fin-nuqqas talab il-kundanna ħlas tad-danni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-konvenuti ma kinux ikkawtelaw l-appell prinċipali tagħhom u għalhekk dan mar deżert u fil-meritu fuq l-appell ta' l-attur ikkonfermat is-sentenza fejn laqgħet it-talbiet attriċi bir-riforma li kkundannat lil wieħed mill-konvenuti* proprio *filwaqt li l-Ewwel Qorti kienet illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-attur, wara li ppremetta illi:

Illi hu proprjetarju tal-kumpless kummerċjali, magħruf bħala "Gourmet Bar & Restaurant", Triq ir-Rabat, ix-Xlendi, liema kumpless kummerċjali jinsab imwelli lill-kumpannija konvenuta skond skrittura tad-19 ta' Settembru, 1992;

Illi fost l-oġġetti mobbli nklużi fil-lokazzjoni kien hemm żewġ fans bil-linef magħhom, żewġ kwadri antiki, tliet kwadri

oħra, disa' (9) kwadri oħra ta' tip differenti u diversi mwejjed illi lkoll kienu jinsabu fil-fond fejn jinsab ġestit in-negozju mikri;

Illi fil-kors ta' din il-kirja, il-konvenuti jew min minnhom, qabdu u abbużivament neħħew l-oġġetti fuq imsemmija minn ġon-negozju;

Illi minkejja illi ġew interpellati sabiex jirritornaw dawn l-oġġetti permezz ta' ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Lulju, u ittra uffiċjali, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara illi huma ma kellhom ebda dritt jirrimwovu l-oġġetti fuq imsemmija minn ġol-fond fejn jinsab ġestit in-negozju mikri lilhom;

Konsegwentement tikkundannahom sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi lilhom prefiss huma jirritornaw l-oġġetti mobbli kollha fuq imsemmija fin-negozju in lokazzjoni;

Fin-nuqqas tikkundannahom sabiex iħallsu lill-attur il-valur ġust tal-mobbli fuq imsemmija u dan okkorrendo, prevja l-opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida tali valur";

Jirriżulta mill-atti illi l-konvenuti debitament notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni naqsu li jwieġbu għat-talbiet attriċi u ma ppreżentawx eċċezzjonijiet. Huma għalhekk fi stat ta' kontumaċja;

B'sentenza ta' l-10 ta' Ottubru, 1996, l-Ewwel Qorti

ddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li lliberat lill-konvenut Savio Spiteri personalment mill-osservanza tal-ġudizzju, laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti l-oħra *nomine* u għalhekk:

Iddikjarat li dawn ma kellhom l-ebda dritt ineħħu l-oġġetti ndikati minn ġol-fond fejn jinsab ġestit in-negozju mikri lilhom;

Konsegwentement, tordnalhom sabiex żmien xahar mil-lum jirritornaw l-istess oġġetti mobbli fil-Gourmet Bar & Restaurant imsemmi; u

Fin-nuqqas tikkundannahom sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' disa' mija u sebgħa u għoxrin lira (Lm927) li ġiet likwidata bħala l-valur ġust u reali ta' l-istess oġġetti, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine*;

Appellaw minn din is-sentenza s-soċjetà Gourmet Company Ltd. u l-attur. It-tnejn b'appell prinċipali li allura kellhom jiġu, skond il-liġi, ikkawtelati b'garanzija idonea għall-ispejjeż;

*Jirriżulta mill-verbal tat-2 ta' Marzu, 1998, illi l-appell ta'* din is-soċjetà kien ġie kkawtelat dakinhar stess filgħodu u konsegwentement kien jidher li l-garanzija kienet inġiebet tardivament u dak l-appell kellu jiġi meqjus bħala deżert, kif ukoll sottomess mill-attur. Infatti l-garanzija ta' l-ispejjeż ta' l-appell hi meħtieġa skond l-artikoli 209 u 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li kjarament jiddisponu li tali garanzija kellha ssir sa mhux aktar tard minn ġurnata qabel id-data tas-smigħ ta' l-appell. Dana taħt il-komminazzjoni espressa li fin-nuqqas, l-appellant jitlef id-dritt tas-smigħ ta' l-appell quddiem din il-Qorti u l-kawża tiegħu tmur deżerta. Il-Qorti assigurat illi s-soċjetà appellanti kienet ġiet debitament

notifikata bl-avviż skond dawn iż-żewġ artikoli fi żmien utili u baqgħet ma ħaditx passi biex tikkawtela l-appell skond il-liġi. Għal din ir-raġuni din il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġa oħra ħlief tiddikjara l-appell minnha ntavolat bħala deżert u konsegwentement ma tieħux konjizzjoni ulterjuri tiegħu;

Jibqa' allura x'jiġi kkunsidrat l-appell ta' l-attur li ġie debitament ikkawtelat. L-attur javvanza żewġ aggravji firrigward tas-sentenza appellata. L-ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata li tiddikjara li Savio Spiteri personalment ma kellux x'jaqsam mat-teħid ta' l-oġġetti meritu tal-kawża u konsegwentement ma kellhiex tilliberah millosservanza tal-ġudizzju;

It-tieni aggravju hu li l-Ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata li tirriduċi l-valur taż-żewġ kwadri antiki minn ħames mitt lira (Lm500) kull wieħed għal mitt lira (Lm100) għat-tnejn flimkien;

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant qed jissottometti li Savio Spiteri personalment kellu jiġi ritenut responsabbli *in solidum* mal-kumpannija Gourmet Company Ltd. li issa hi definittivament meqjusa bħala responsabbli skond kif iddikjarat fis-sentenza appellata billi din għaddiet in ġudikat "għas-serq ta' l-oġġetti mobbli proprjetà tiegħu mill-fond fejn jinsab ġestit in-negozju". L-appellant jissottometti li s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tiġi ritenuta li kienet hi li wettqet materjalment l-att kolpuż u kriminuż lamentat minnu u li kien jirriżulta mill-atti li dawn l-oġġetti mobbli kienu tneħħew minn Saverio Spiteri. L-appellant isostni li jekk is-sentenza appellata ma tiġix revokata f'dan ir-rigward, wieħed kien jasal għall-konklużjoni assurda li Direttur ta' Kumpanija li jwettaq att kolpuż jista' faċilment jeħles minn kwalunkwe responsabbilità billi sempliċement jallega li fil-mument li huwa wettaq dak l-att huwa kien qed

jaġixxi fil-vesti tiegħu ta' direttur għan-nom ta' kumpannija. Dan hu l-prinċipju li din il-Qorti trid tiddelibera fuqu dan l-aggravju, indipendentement miċ-ċirkostanza għal dan il-fini rrilevanti li l-kumpannija konvenuta kienet bażikament falluta u ma kellha ebda assi fuq hiex l-attur seta' jesegwixxi s-sentenza li kien ottjena favur tiegħu. Infatti, id-deċiżjoni tal-Qorti fuq il-prinċipju m'għandhiex tiġi kolorita mill-effetti negattivi jew posittivi ta' l-applikazzjoni ta' dak il-prinċipju għall-fattispeċje partikolari tal-każ;

Jiġi ppreċiżat u premess li l-azzjoni attriċi hi bbażata fuq allegazzjoni preċiża illi fil-kors tal-kirja l-konvenuti, jew min minnhom, u ċjoè s-soċjetà konvenuta jew Savio Spiteri personnalment, qabdu u abbużivament neħħew l-oġġetti msemmija minn ġon-negozju. L-attur jallega li nonostante li l-konvenuti kienu ġew interpellati, anke uffiċjalment, sabiex jirritornaw dawk l-oġġetti fil-fond proprjetà ta' l-attur li fih kien ġestit in-negozju tagħhom, huma baqgħu inadempjenti;

Din il-Qorti tikkunsidra s-segwenti fir-rigward tar-responsabbilità personali ta' Savio Spiteri:

Ġie adegwatament ippruvat illi kien il-konvenut Spiteri li fiżikament u materjalment neħħa l-effetti mobbli reklamati f'din l-azzjoni mill-fond lokat tas-soċjetà li tagħha kien Direttur u poġġihom f'bitħa ta' fond ieħor li kien proprjetà tiegħu *u li ma* kellu xejn x'jaqsam ma' l-attur. Hu allegat mill-attur u ppruvat mill-atti, in kwantu fl-ebda mument ma ġiet tali allegazzjoni kkontestata mill-istess konvenuti, illi dawn l-oġġetti mobbli kienu u probabbilment għadhom fil-kontroll fiżiku u materjali ta' l-istess Spiteri personalment;

Dan il-fatt ippruvat ġie ukoll assodat fis-sentenza li għaddiet in ġudikat għaliex din jidher li lliberatu personalment

mill-osservanza tal-ġudizzju mhux għax kellha xi dubbju dwar li kien l-istess Spiteri li neħħa dawn l-oġġetti mill-fond *de quo*, imma għaliex dehrilha li hekk kellha tagħmel "fin-nuqqas ta' prova illi huwa, f'din il-vesti tiegħu (personali), kellu x'jaqsam mat-teħid ta' dawn l-oġġetti". L-Ewwel Qorti ma setgħet issib l-ebda responsabbilità fil-konfront ta' dan Spiteri personalment għaliex fil-fehma tagħha meta kien ittrasporta l-oġġetti mobbli meritu ta' din il-kawża kien qed jagħmel hekk *qua* direttur tas-soċjetà konvenuta. Konsiderazzjoni li fiha nnifisha tikkonferma illi kien Spiteri li ttrasporta l-oġġetti;

Is-sentenza appellata, li llum kif ingħad għaddiet in ġudikat fil-konfront tal-konvenuti kollha, inkluż il-konvenut Spiteri personalment, billi l-appell tagħhom ġie ddikjarat deżert, taċċetta bħala korretta u ppruvata l-premessa illi l-konvenuti <u>nomine</u> abbużivament u mingħajr il-kunsens ta' l-attur appellant neħħew l-oġġetti mobbli minnu reklamati u kkundannat lis-soċjetà konvenuta biex tirritornahom fil-fond lokat jew fin-nuqqas iħallas il-valur tagħhom. Dan ifisser illi, anke jekk din il-Qorti għandha ir-riservi tagħha dwar kemm kien ġuridikament korrett li l-Ewwel Qorti tikkunsidra illi "il-konvenuti *nomine* ma kellhom ebda dritt ineħħu jew iwarrbu effetti formanti parti mill-istess kirja" mill-fond lokat fil-kors tal-kirja, ( u dan għax mhux eskluż li aġir ta' din ix-xorta minn inkwilin f'ċerti ċirkostanzi ma jkunx neċessarjament jikkozza ma' l-obbligi tiegħu kontrattwali versu s-sid, speċjalment meta tali aġir ma jirriżultax li jkun ta' preġudizzju għall-valur ta' l-inkwilinat u l-interessi tas-sid), <u>għall-fini ta' din il-kawża</u> din il-Qorti trid neċessarjament tqis li l-aġir tas-soċjetà konvenuta kien wieħed abużiv fil-konfront tas-sid u leżiv tal-jeddijiet tiegħu. Dan għaliex is-sentenza appellata fil-konfront tal-konvenuti għaddiet in ġudikat. Dan sal-punt li tkun ġustifikata skond l-istess sentenza l-kundanna tal-konvenuti <u>nomine</u> li jirritornaw l-oġġetti *de quo* fil-fond lilhom lokat fiż-żmien lilhom prefiss. Dan il-meritu nonostante r-riserva ta' din il-Qorti, fin-nuqqas

ta' kull xorta ta' kontestazzjoni da parti taż-żewġ konvenuti, ma jistax f'dan l-istadju jiġi miftuħ mill-ġdid għall-konsiderazzjoni ulterjuri u għandu jittieħed li hu kien arġinat fil-konsiderandi u deċiżjoni tas-sentenza appellata;

Dan premess ma jistax ikun hemm dubbju illi Savio Spiteri personalment, anke jekk bħala direttur tas-soċjetà minnu rappreżentata kien esegwixxa teħid ta' l-oġġetti mobbli mill-fond lokat tas-soċjetà tiegħu għal ġo fond ieħor proprjetà tiegħu u b'hekk kien kompartecipi fl-aġir kwalifikat bħala abużiv fis-sentenza appellata taħt eżami. Aġir li seta' ma kienx wieħed kriminuż (kif ingħad hu ukoll suġġerit li seta' anqas kien abużiv) fil-mument meta seħħ, iżda ċertament assuma din il-karatteristika *delittwuża fil-mument meta l-lokatur interpella* lill-konvenuti biex jirritornaw dawn l-effetti mobbli fil-fond lokat ħalli jkunu aċċessibbli għall-verifika tagħhom, u dawn baqgħu inadempjenti;

Dan il-komportament tal-konvenut Savio Spiteri li materjalment kien il-persuna li esegwixxa l-aġir definit fis-*sentenza appellata* bħala kriminuż, anke jekk jiġi meqjus biss li l-konvenut Spiteri kien l-esekutur materjali tal-mandanti tiegħu s-soċjetà minnu rappreżentat, din il-Qorti ma tistax ma tirravviżax l-estremi ta' l-approprjazzjoni bla jedd fil-mument meta *hu rrifjuta li jrodd lura lis-sid lokatur dawn l-oġġetti li fl-* jar ipotesi għalih mill-aspett teoriku ġuridiku kienu fdati dejh mis-soċjetà konvenuta inkwilina biex jikkustodihom. dak il-mument Savio Spiteri personalment - u ma jistax ikun od ieħor - jista' jingħad li kien qed japproprja ruħu billi awwar bi profitt għalih, jew għal persuna oħra (is-soċjetà nvenuta minnu rappreżentata) minn ħaġa ta' ħaddieħor (ta' l-pellant lokatur) li tkun ġiet fdata jew ikkonsenjata lilu taħt olu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa;

Taħt dan l-aspett u in vista ta' dawn il-konsiderandi, din il-Qorti ma tistax tara kif tista' teħles jew teżimi mir-responsabbilità ċivili għall-aġir delittwuż minnu kommess kif ċertifikat mill-Ewwel Qorti u għad-danni konsegwenzjali fil-konfront ta' l-attur appellant. Is-sentenza appellata għandha għalhekk tiġi riformata b'dan ir-rigward;

L-attur appella ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti m'aċċettatx il-versjoni ta' Anthony Vella fir-rigward tal-valur taż-żewġ inkwadri antiki li nsterqu (mill-fond lokatizju). Hu jibbaża l-aggravju tiegħu fuq il-fatt li dan Anthony Vella, xhud tiegħu, ta deskrizzjoni dettaljata ta' dawn il-kwadri u ċert li, xi għaxar snin qabel, missieru kien ġie offrut is-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) għal kull wieħed minn dawn il-kwadri. Cionostante hu ma riedx ibiegħhom;

Naturalment, fil-kontumaċja tal-konvenuti l-ebda kontestazzjoni ma saret ta' din id-deposizzjoni, però, l-Ewwel Qorti dehrilha li din il-prova ma kinitx adegwata biex tikkorrobora t-talba ta' l-attur fir-rigward tal-valur ta' dawn iż-żewġ kwadri;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hija f'posizzjoni li tiddisturba l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dan l-aspett tal-kawża. Jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunità tisma' x-xhieda *viva voce* u li tagħmel evalwazzjoni tal-kredibbilità tal-provi miġbura u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Hu veru li l-kundanna tal-konvenuti f'din il-kawża hi primarjament għar-ritorn ta' l-oġġetti abbużivament asportati mill-fond lokat. Hu biss sussidjarjament għall-kundanna għall-ħlas tal-valur tagħhom f'każ li jibqgħu inadempjenti. Però din il-Qorti tifhem li dan il-valur għandu jkun realistikament stabbilit u ma jistax ikun relatat mal-fatt biss ta' l-inadempjenza tal-konvenuti, u ċjoè l-konvenuti m'għandhomx jiġu penalizzati jħallsu valur

ogħla minn dak li realment jirrappreżenta l-oġġett *de quo* in retribuzzjoni tal-fatt li jkunu naqsu jirritornawhom lil sidhom;

F'dan ir-rigward in il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fid-determinazzjoni tal-valur ta' dawn il-kwadri u taħt dan l-aspett is-sentenza appellata ser tiġi kkonfermata;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi:

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-appell prinċipali ntavolat mill-konvenuti billi dana ma ġiex ikkawtelat fit-terminu u jinsab illum deżert;

Tiddeċiedi fir-rigward ta' l-appell ta' l-attur billi tilqgħu limitatament għall-aggravju li l-konvenut Saverio Spiteri kellu jinżamm ukoll personalment responsabbli mas-soċjetà konvenuta u dana *in solidum* magħha għar-restituzzjoni ta' l-oġġetti li tneħħew illegalment u abbużivament minn ġo l-proprjetà ta' l-attur appellant; u

Konsegwentement, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata tal-5 ta' Ottubru, 1996, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, fejn illiberat lill-istess Saverio Spiteri personalment mill-osservanza tal-ġudizzju;

Tikkonferma l-istess sentenza fir-rigward ta' l-ammont likwidat għall-valur ġust u reali ta' dawn l-oġġetti u f'dan ir-rigward tiċħad l-appell ta' l-istess attur;

Tikkonferma l-kapi l-oħra tas-sentenza;

Fir-rigward ta' l-ispejjeż jiġi deċiż li l-ispejjeż ta' l-appell tal-konvenuti għandhom ikunu a karigu tagħhom; l-ispejjeż ta' l-appell intavolat mill-attur għandhom ikunu kwantu għal żewġ terzi a karigu tas-soċjetà konvenuta u ta' Saverio Spiteri personalment *in solidum* bejniethom; u fir-rigward tat-terz l-ieħor a karigu ta' l-attur appellant. L-ispejjeż tal-prim'istanza għandhom ikunu a karigu tal-konvenuti solidalment bejniethom.